Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' April 2018**
**(OR. en)**

**7926/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0086 (NLE)**

**VISA 72**
**COLAC 17**

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 11 ta' April 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 177 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta’ passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 177 final.

Mehmuż: COM(2018) 177 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.4.2018
COM(2018) 177 final

2018/0086 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali**

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tas-26 ta’ Ġunju 2013[1] (minn hawn ’il quddiem: l-emenda tal-SBC (Schengen Border Code, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) emenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen[2] (the Convention implementing the Schengen Agreement, CISA), ir-Regolament (KE) Nru 562/2006[3] (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen [Schengen Borders Code, SBC]) u r-Regolament (KE) Nru 810/2009[4] (il-Kodiċi dwar il-Viżi) u – fost l-oħrajn – iddefinixxa mill-ġdid il-kunċett ta’ "soġġorn qasir" għal ċittadini ta’ pajjiż terz fiż-żona Schengen. Sa mit-18 ta’ Ottubru 2013, fil-każ ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi – irrispettivament minn jekk kellhomx bżonn ta’ viża jew le – li jkollhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw lejn iż-żona ta’ Schengen għal soġġorn qasir, it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat huwa definit bħala "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta’ 180 jum". Kuntrarju għad-definizzjoni li kienet fis-seħħ sat-18 ta’ Ottubru 2013 (tliet xhur waqt perjodu ta’ sitt xhur mid-data tal-ewwel dħul), il-kunċett il-ġdid huwa aktar preċiż billi jistipula t-tul ta’ żmien fi ġranet, minflok f’xhur. Barra minn hekk, it-terminu "mid-data tal-ewwel dħul" li wassal għal bosta inċertezzi u mistoqsijiet tneħħa mid-definizzjoni.

L-emenda tal-SBC introduċiet il-bidliet kollha meħtieġa fl-acquis tal-UE fil-qasam tal-viżi u l-fruntieri, jiġifieri l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen, il-Kodiċi dwar il-Viżi u r-Regolament (KE) Nru 539/2001[5]. Madankollu, il-kunċett tas-soġġorn qasir huwa minqux ukoll fil-ftehimiet internazzjonali li ġew konklużi mill-Unjoni Ewropea. Il-ftehimiet ta’ eżenzjoni mill-viża li ġew konklużi ma’ Antigua u Barbuda[6], il-Bahamas[7], Barbados[8], il-Brażil[9], Mauritius[10], Saint Kitts u Nevis[11] u s-Seychelles[12] għadhom jirreferu għad-definizzjoni l-qadima ("tliet xhur matul perijodu ta’ sitt xhur wara d-data ta’ meta jkunu daħlu l-ewwel darba"[13]) meta jiddefinixxu t-tul tas-soġġorn mingħajr viża.

Fis-16 ta’ Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta’ negozjati għall-emendar tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir, bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi fuq imsemmija[14], li l-Kunsill adotta fid-9 ta’ Ottubru 2014[15]. L-għan kien li tiġi implimentata d-definizzjoni l-ġdida ta’

[1] ĠU L 182, 29.06.2013, p. 1.
[2] ĠU L 239, 22.09.2000, p. 19.
[3] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[4] ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.
[5] ĠU L 081, 21.3.2001, p. 1.
[6] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 1.
[7] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 23.
[8] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 9.
[9] Mal-Brażil, l-UE kkonkludiet żewġ ftehimiet. Wieħed għal detenturi ta’ passaporti ordinarji (ĠU L 255, 21.9.2012, p. 4) u wieħed separat għal detenturi ta’ passaporti diplomatiċi, tas-servizz u uffiċjali (ĠU L 66, 12.3.2011, p. 2).
[10] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 16.
[11] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 37.
[12] ĠU L 169, 30.6.2009, p. 30.
[13] Cf. "Skop" u "Tul tas-soġġorn" fil-ftehimiet.
[14] COM(2014) 468 final.
[15] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-emendar tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni/il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, Barbados, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika ta’

soġġorn qasir fir-rigward ta' dawn is-seba' pajjiżi, kif previst mill-emenda tal-SBC. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "soġġorn qasir" fil-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża f'termini ta' *ġranet*, minflok f'termini ta' *xhur*, hija anqas ikkumplikata u tista' tiġi vverifikata u kkalkolata b'mezzi elettroniċi/ta' IT, u għalhekk hija iktar adatta għal sistemi ċentralizzati ta' ġestjoni tal-fruntieri, bħal ma hija s-sistema proposta ta' Dħul/Ħruġ (EES)[16].

Wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni bdiet negozjati biex temenda l-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża mas-seba' pajjiżi (Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Brażil, Mauritius, Saint Kitts u Nevis u s-Seychelles).

In-negozjati mal-Brażil ġew iffinalizzati b'suċċess fil-31 ta' Ottubru 2017 permezz tal-inizjalar tal-ftehimiet li jemendaw iż-żewġ Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali u għad-detenturi ta' passaporti ordinarji. Iż-żewġ partijiet qablu li jadottaw id-definizzjoni l-ġdida ta' "soġġorn qasir", fost dettalji tekniċi oħra (ara aktar 'l isfel), iżda l-emendi kollha huma insinifikanti mill-aspett tal-vjaġġatur.

Is-sitwazzjoni speċifika tar-Renju Unit u tal-Irlanda hija riflessa fil-preambolu tal-ftehimiet.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali (minn hawn' il quddiem: "il-Ftehim") jeħtieġ l-approvazzjoni taż-żewġ partijiet kontraenti f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom. Min-naħa tal-Unjoni, dan jitlob deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim.

Din il-proposta hija ppreżentata lill-Kunsill sabiex jawtorizza l-konklużjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim jiżgura li jkun hemm koerenza legali kif ukoll armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, billi jimxi mad-definizzjoni l-ġdida ta' soġġorn qasir kif stipulata fl-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Shengen, li tipprovdi interpretazzjoni ċara ta' "soġġorn qasir".

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu.

L-Unjoni ma għandha ebda setgħa temenda l-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża li jorbtu lill-erba' pajjiżi li huma assoċjati mal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, inkluża l-politika komuni dwar il-viżi. Sabiex jiġu żgurati approċċ u implimentazzjoni armonizzati tad-dispożizzjonijiet dwar it-tul tas-soġġorn awtorizzat fiż-żona ta' Schengen, dikjarazzjoni konġunta tinsab inkluża fil-Ftehim, li tiddikjara li huwa mixtieq li l-Brażil, min-naħa l-waħda, u l-Iżlanda, Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, min-naħa l-oħra, jimmodifikaw b'dan il-mod il-ftehimiet dwar l-eżenzjoni tal-viża bilaterali attwali.

Din il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-konklużjoni tal-ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata wara l-iffirmar tal-ftehim, f'isem l-Unjoni, minn persuna nominata mill-presidenza tal-Kunsill u wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) TFUE.

Mauritius, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis u r-Repubblika tas-Seychelles, adottata mill-Kunsill fid-09.10.2014.

16 COM(2016)194 final.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 77(2)(a) TFUE, in-negozjar tal-ftehimiet tal-eżenzjoni mill-viżi huwa fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Minbarra dan, jekk waħda mill-partijiet kontraenti għall-ftehim internazzjonali tkun l-Unjoni Ewropea, l-ebda emenda ta' ftehim bħal dan ma tista' tiġi implimentata b'mod ġuridiku mill-Istati Membri nfushom. Għalhekk, jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta preżenti ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq, jiġifieri l-modifika tal-ftehim eżistenti bejn ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil u l-Unjoni Ewropea dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvix spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

## 4. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill adotta direttivi ta' negozjar li awtorizzaw lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Brażil biex jiġi emendat il-ftehim bejn iż-żewġ partijiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali. L-Istati Membri ġew infurmati dwar il-progress tan-negozjati f'laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Ir-Riżultat tan-negozjati**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-objettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

a. It-tul tas-soġġorn

Il-Ftehim jistipula vjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jkollhom passaport diplomatiku, tas-servizz jew uffiċjali validu u għaċ-ċittadini tal-Brażil li jkollhom passaport diplomatiku, tas-servizz jew uffiċjali validu meta jivvjaġġaw lejn il-Parti Kontraenti l-oħra għal perjodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum (minflok perjodu massimu ta' tliet xhur matul il-perjodu ta' sitt xhur wara d-data tal-ewwel dħul). Id-definizzjoni l-ġdida hija applikata matul il-Ftehim kollu.

b. Dispożizzjoni finali – sospensjoni tal-Ftehim (l-Artikolu 8(4))

Il-ftehim jimmodifika l-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(4) bil-mod li ġej: "Il-Parti Kontraenti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tgħarraf minnufih lill-Parti

Kontraenti l-oħra f'każ li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux jeżistu aktar u għandha tneħħi dik is-sospensjoni." Billi jżid il-kliem "u għandha tneħħi dik is-sospensjoni", il-Ftehim jiċċara li s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-viża għandha fil-fatt titneħħa jekk ir-raġunijiet li wasslu għas-sospensjoni jisparixxu. Dwar dan il-punt, l-emenda tallinja l-kliem tal-ftehim mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali ma' dak tal-ftehimiet l-oħra kollha dwar l-eżenzjoni mill-viża ffirmati mill-Unjoni fl-2015 u l-2016. Fl-14 ta' Ġunju 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża ġie kkonsultat dwar din l-emenda u l-ebda Stat Membru ma qajjem xi oġġezzjoni.

c. Dikjarazzjonijiet Konġunti

Żewġ dikjarazzjonijiet konġunti huma mehmuża mal-Ftehim:

- Dwar l-interpretazzjoni tad-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, kif ukoll;

- Dwar l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

e. Dħul fis-seħħ

Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt(6) xahar wara d-data ta' meta l-aħħar Parti Kontraenti tkun innotifikat lill-oħra li tlestew il-proċeduri tar-ratifika. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-vjaġġaturi jkunu jistgħu jifhmu l-liġi u josservawha, huwa meħtieġ li jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni twil biżżejjed. Hekk kif tiġi konkluża r-ratifika tal-Ftehim, il-perjodu ta' sitt xhur se jippermetti lill-vjaġġaturi jtemmu s-soġġorni qosra, li jkomplu jiġu kkalkulati b'mod sħiħ skont id-definizzjoni l-qadima, qabel ma tidħol fis-seħħ id-definizzjoni l-ġdida dwar is-soġġorn qasir u l-perjodu ta' referenza ta' 180 jum li jirreferi għall-passat.

Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-ftehim eżistenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali jibqgħu mhux affettwati mill-Ftehim, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni territorjali.

## 6. KONKLUŻJONI

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill japprova, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi tal-passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali.

2018/0086 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[17],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem l-Unjoni Ewropea Ftehim mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali ("il-Ftehim").

(2) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/[…], il-Ftehim ġie ffirmat.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li r-Renju Unit ma jiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[18]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[19]; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

(5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

---

[17] Il-kunsens ingħata fi […]

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiehu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorni qosra għad-detenturi ta’ passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali (“il-Ftehim”) huwa b’dan approvat f’isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f’isem l-Unjoni, in-notifika stipulata mill-Artikolu 2 tal-Ftehim[20].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[20] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi pubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.